





Manwal dwar kif persuna

# TAPPLIKA GĦAL-LIĊENZJA BIEX TOPERA KLINIKA MEDIKA

INFORMAZZJONI BAŻIKA

Verżjoni 01

Ottubru 2019

Manwal dwar kif persuna

# TAPPLIKA GĦAL-LIĊENZJA BIEX TOPERA KLINIKA MEDIKA

## INFORMAZZJONI BAŻIKA

Peress li l-proċess ta' kif wieħed japplika għal-liċenzja minn żmien għal żmien jista' jinbidel, se jkun hemm aġġornamenti regolari ta' dan il-manwal, li l-għan tiegħu hu li jipprovdi aktar aċċess għall-informazzjoni onlajn.

Direttorat għall-Istandards fil-Kura tas-Saħħa
Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika
Sptar San Luqa OPD Livell 1
Pjazza San Luqa
Gwardamangia PTA 1010

# Werrej


Introduzzjoni 1

Informazzjoni ġenerali 2

Kif wieħed japplika għal-liċenzja 4

Proċess tal- liċenzjar 6

Il-post użat bħala klinika medika 7

Iż-żona fejn isiru proċeduri medika 8

Faċilitajiet ta' tojlits 9

Apparat użat waqt u wara proċeduri medika 10

Linji gwida addizzjonali 11

# 1. Introduzzjoni

L-ispettorat fi ħdan id-Direttorat għall-Istandards fil-Kura tas-Saħħa jissorvelja, jispezzjona u jirregola s-servizzi biex jiżgura li l-kliniċi mediċi joperaw bi standards fundamentali ta' kwalità u sigurtà. L-ismijiet ta' kliniċi mediċi liċenzjati hu ma ppubblikati fuq is-sit elettroniku *https://deputyprimeminister.gov.mt/en/hcs/Pages/health-care-standards.aspx* sabiex il-pubbliku jkun konxju liema stabbilimenti huma liċenzjati u għalhekk għandhom proċeduri msaħħa ta' sigurtà lejn il-pazjent.

Id-Direttorat ipoġġi s-saħħa tal-pubbliku fiċ-ċentru tax-xogħol tiegħu u jistinka biex ikun rigoruż, ġust u konsistenti. L-għan ta' dan id-dokument huwa li jipprovdi informazzjoni bażika lil kull persuna li tixtieq tapplika għal liċenzja biex topera klinika medika.

## 2. Informazzjoni ġenerali

a. F'Malta, il-Kliniċi Mediċi huma regolati permezz tar-*Regolamenti tal-Liċenzjar ta' Kliniċi Mediċi Privati (S.L. 458.23)* u l-*Att Dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kap 464)*;

b. Servizzi mediċi u proċeduri kirurġiċi għandhom jitwettqu biss minn tobba mediċi reġistrati, u fejn permess mil-liġi minn infermiera u qwiebel reġistrati, u professjonisti fil-kura tas-saħħa li jaqgħu taħt is-sorveljanza ta' tabib mediku rreġistrat;

c. Biex tipprattika bħala tabib mediku f' Malta, wieħed irid ikun ikkwalifikat u rreġistrat mal-Kunsill Mediku ta' Malta.

d. Kif stipulat mill-*Ordinanza dwar il-Professjonijiet Mediċi* u u L-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kap 31), Klinika Medika (kif speċifikat f' S.L. 458.23), li fiha tabib mediku jista' jipprattika, jeħtieġ li jkollha liċenzja valida maħruġa permezz tas-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika.

e. L-uffiċċju tal-liċenzjar għall-Kliniċi Mediċi qiegħed fi ħdan id-Direttorat għall-Istandards fil-Kura tas-Saħħa fid-Dipartiment tar-Regolamentazzjoni tas-Saħħa;

f. Il-ħinijiet tal-ftuħ huma mis-7am sat-2:45 pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa;

## G. ID-DETTALJI TA' KUNTATT HUMA KIF ĠEJ:

**Is-Sra Simone Schembri**
**Tel:** 25953330 | **imejl:** *simone.c.schembri@gov.mt*
(Appuntamenti għall-ispezzjonijiet, ħlasijiet u ġbir ta' liċenzji)

**Is-Sra Silvana Attard**
**Tel:** 25953324 | **imejl:** *silvana.attard@gov.mt*
(Ħlas ta' liċenzji)

**Is-Sur Mark Tonna**
**Tel:** 25953343 | **imejl:** *mark.tonna@gov.mt*
(Proċedura għall-applikazzjoni/dokumenti meħtieġa għall-applikazzjoni)

## IL-KUNSILL MEDIKU TA' MALTA

**Is-Sra Inez Cassar**
**Tel:** 25953372 | **imejl:** *medicalcouncil@gov.mt*
(Għal skopijiet ta' reġistrazzjoni ta' tobba mediċi)

## KUNSILL GĦALL-INFERMIERA U QWIEBEL

**Is-Sra Elizabeth Bonett**
**Tel:** 25953305 | **imejl:** *cnm.sph@gov.mt*
(Għar-reġistrazzjoni ta' infermiera u qwiebel);

## KUNSILL TAL-PROFESSJONIJIET KUMPLIMENTARI GĦALL-MEDIĊINA (CPCM)

**Is-Sur Arthur Camilleri**
**Tel:** 25953364 | **imejl:** *cpcm@gov.mt*
(Għal skopijiet ta' reġistrazzjoni ta' professjonisti tal-kura tas-saħħa oħrajn)

## 3. Kif wieħed japplika għal-liċenzja

a. Applikant ġdid għandu japplika għal-liċenzja permezz tad-Direttorat għall-Istandards fil-Kura tas-Saħħa;

b. Applikanti ġodda ma jistax ikollhom anqas minn tmintax (18)-il sena;

c. Wieħed jista' japplika għal-liċenzja billi jimla *formola tal-applikazzjoni* fl-uffiċju tad-Direttorat għall-Istandards fil-Kura tas-Saħħa jew permezz tal-applikazzjoni onlajn li tinsab fuq s-sit *https://hcstandardsregistration.gov.mt/*

d. Id-dokumenti meħtieġa biex wieħed japplika għal klinika medika huma:

- *Formola ta' applikazzjoni* mimlija;
- Kopja taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-Kunsill Mediku ta' Malta tat-tobba mediċi kollha li se jkunu qed jaħdmu ġewwa l-klinika;
- Permess li juri l-post propost, inkluż pjanta tas-sit u skeċċ tal-pjanta jew dikjarazzjoni minn perit li tiċċertifika li l-post għandu permess tal-Awtorità tal-Ippjanar (PA) u li l-post jista' jintuża bħala Klinika Medika;
- Fotokopja tal-karta tal-identità tal-applikant;
- Riżultat tat-titru anti-HBS ta' kwalunkwe dentisti, acupunkturisti, fiżjoterapisti (li jwettqu dry needling) u podjatristi li se jkunu qed jaħdmu fil-klinika;
- Jekk l-applikazzjoni tkun għan-nom ta' kumpanija, ikunu meħtieġa kopja tal-Memorandum tal-Artikoli, flimkien ma' dikjarazzjoni mid-Direttur/i ta l-istess kumpanija li tindika li huwa miftiehem li l-liċenzja għandha tinħareġ fuq l-isem tal-applikant;
- Biex ċittadin li ġej minn pajjiż terz jipprattika bħala tabib mediku f'Malta, wieħed irid japplika għall-permess tax-xogħol mingħand id-dipartiment ta' Jobs Plus, li jista' jiġi kkuntattjat fuq in-numru tat-telefon 22201290 jew imejl: *jobsplus@gov.mt*.

e. L-applikazzjoni kompluta flimkien mad-dokumenti rilevanti jiġu ċċekjati mill-uffiċjal inkarigat biex jiġi żgurat li d-dettalji tal-applikazzjoni huma korretti.

f. F'dan l-istadju, tiġi identifikata data biex issir spezzjoni fuq il-post u l-klijent jiġi nfurmat. Tim ta' spezzjoni b'badge ta' identifikazzjoni jżuru l-post;

g. F'każ ta' stabbiliment ġdid, l-applikant jista' jitlob għal żjara qabel il-liċenzjar (rakkomandata);

h. Għaxart (10) ijiem qabel, l-applikant jirċievi awto-evalwazzjoni tar-rekwiżiti biex wieħed jopera klinika medika. Din l-awto-evalwazzjoni tiggwida lill-applikant dwar dak li t-tim se jistenna li jsib waqt l-ispezzjoni;

i. It-tim ta' spezzjoni jkun f'pożizzjoni li jirrakkomanda l-ħruġ ta' liċenzja jekk ikun sodisfatt li l-istandards meħtieġa ġew milħuqa. F'dan il-każ il-liċenzja tinħareġ fi żmien għaxart (10) ijiem;

j. F'każijiet fejn ikunu ġew identifikati xi defiċjenzi/nuqqasijiet, issir laqgħa mal-applikant biex jingħata parir u jiġu mfehma d-defiċjenzi li jirrikjedu attenzjoni. Din tista' tirrikjedi żjara oħra qabel ma jiġi rakommandat biex tinħareġ il-liċenzja;

k. Id-detentur tal-liċenzja għandu jiżgura l-konformità mal-kundizzjonijiet tal-liċenzja murija fuq wara tal-liċenzja;

l. Ladarba l-applikazzjoni tiġi approvata u l-liċenzjar huwa rrakkomandat, il-klijent huwa avżat biex iħallas tariffa annwali tal-liċenzja ta' €512.50 għal Sptarijiet Privati, €512.50 għal Klinika Privata fejn pazjent jibqa hemm bil-lejl u €257.30 għal klinika fejn pazjent jibqa hemm matul il-jum biss;

m. Il-liċenzja tista' tinġabar mill-Uffiċċju tal-Liċenzji tad-Direttorat għall-Istandards fil-Kura tas-Saħħa, Sptar San Luqa OPD Livell 1, Pjazza San Luqa, Gwardamangia jew l-applikant jista' jagħżel li jirċevieha permezz ta' posta rreġistrata.

# 4. Il-proċess tal-liċenzjar

Il-grafika li ġejja tiddeskrivi l-proċedura segwita mill-klijent u l-ispettorat matul il-proċess tal-liċenzjar.



## 5. Il-post użat bħala klinika medika

a. Il-klinika jrid ikollha liċenzja valida mwaħħla f'post prominenti fejn tkun tista' tiġi osservata faċilment mill-pubbliku malli jidħol;

b. Il-klinika għandha tinżamm nadifa u f'kundizzjoni tajba;

c. Il-klinika jrid ikollha apparat u faċilitajiet neċessarji kollha biex wieħed jipprovdi servizzi mediċi ta' kwalita';

d. Il-klinika jrid ikollha dawl u ventilazzjoni adegwati (naturali jew mekkaniku);

e. Il-parti fejn isiru xi proċeduri mediċi trid tipprovdi privatezza totali lill-pazjent/klijent;

f. Il-klinika għandu jkollha sistema effiċjenti tad-drenaġġ;

g. Il-ħitan tal-klinika jridu jinżebgħu b'żebgħa ripellanti għall-ilma biex tkun tista' tintmesaħ faċilment;

h. L-apparat għat-tifi tan-nar irid tal-inqas ikun jikkonsisti f'fire extinguisher b'data ta' skadenza valida;

## 6. Iż-żona fejn isiru proċeduri mediċi

a. L-uċuħ tal-bankijiet fejn isiru proċeduri mediċi għandhom jinżammu nodfa u fi stat tajjeb. Dawn għandhom ikunu ta' materjal li ma jgħaddix ilma minnu;

b. Għandu jkun hemm spazju biżżejjed fuq il-bank biex jakkomoda t-tagħmir kollu użat matul u wara proċeduri mediċi;

c. Is-sink għandu jkun disponibbli fiż-żona fejn isiru proċeduri mediċi li għandu jinżamm fi stat tajjeb, nadif u mqabbad mas-sistema prinċipali tad-drenaġġ. Il-viti preferibbilment ta' manku wieħed għandu jkollhom provista ta' ilma sħun u kiesaħ;

d. Ħdejn kull sink għandu jkun hemm karti assorbenti, sapun u hand rub.

e. Is-siġġijiet użati waqt xi intervent mediku għandhom ikunu miksija b' tip ta' materjal li ma jgħaddix ilma minnu, għal tindif faċli, u jinżammu fi stat ta' manutenzjoni tajjeb;

f. F'kull klinika għandu jkun hemm reċipjent li jinfetaħ b'pedala li għandu jkollu borża għal-rimi ta' skart u materjal użat.

## 7. Faċilitajiet ta’ tojlits

a. Il-faċilitajiet tat- tojlits għandhom ikunu konnessi mas-sistema ewlenija tad-drenaġġ u għandhom jinżammu nodfa u f’kundizzjoni ta’ manutenzjoni tajba;

b. Għandu jkun hemm apparat għall-iflaxxjar li jaħdem sewwa;

c. Is-sink fit-tojlit għandu jkollu provista ta’ ilma kiesaħ u sħun;

d. Għandu jkun hemm faċilitajiet adegwati biex wieħed jaħsel u jixxotta jdejh;

e. Għandu jkun hemm ventilazzjoni xierqa fi ħdan il-faċilitajiet tat-tojlits (naturali jew mekkanika);

f. Il-faċilitajiet tat-tojlits għandhom ikollhom dawl adegwat.

## 8. Apparat użat waqt u wara proċeduri mediċi

a. It-tagħmir użat waqt il-proċeduri mediċi għandu jitħaddem, jinżamm u jiġi sservizzjat skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur. Id-dokumentazzjoni kollha relatata mal-manutenzjoni u s-servisjar għandha ssir disponibbli u tinħażen kif suppost;

b. It-tagħmir mediku u l-konsumabbli għandu jkollhom marka CE;

c. It-tipi kollha ta' oġġetti li jaqtgħu għandhom jintremew f ' kontenituri speċjali li huma riġidi, reżistenti għall-perforazzjoni, ma jnixxux u għandhom jinżammu weqfin. L-iskart kliniku għandu jinġabar minn kollettur approvat tal-iskart tal-klassi D.

## 9. Linji gwida addizzjonali

a. Reġistru tat-tagħmir aġġornat komplut bi programm ta' manutenzjoni skedat għandu jinżamm mid-detentur tal-liċenzja;

b. Friġis u tagħmir ieħor għandhom jiġu mmonitorjati permezz ta' apparat ta' monitoraġġ tat-temperatura kkalibrat;

c. First aid box adegwata għandha tkun faċilment disponibbli;

d. 'Back-up' tad-data medika ġġenerata, għandha tinħażen 'barra mis-sit ';

e. L-ebda klinika medika ma għandha taċċetta l-pazjenti sakemm il-faċilità jkollha l-approvazzjoni u/jew il-liċenzja bil-miktub maħruġa mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa Pubblika.

f. Ħlief kif imniżżel hawn taħt, il-liċenzja ma tistax tiġi trasferita, u għandha tkun immedjatament nulla jekk il-klinika medika tieqaf topera, jekk is-sjieda tal-klinika medika tinbidel jew jekk il-klinika medika tiġi rilokata għal sit differenti.

g. Fil-każ ta' trasferiment , is-sidien il-ġodda tal-klinika medika għandhom jippreżentaw applikazzjoni għal-liċenzjar mad-Direttorat għall-Istandards fil-kura tas-saħħa fi ħdan il-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika. Barra minn hekk, l-informazzjoni li ġejja għandha tiġi ppreżentata mal-applikazzjoni.

- Deskrizzjoni dettaljata tat-trasferiment propost ta' sjieda.
- Kopji tad-dokumenti legali kollha pertinenti għat-trasferiment ffirmati kemm mis-sidien liċenzjati attwali kif ukoll mis-sidien liċenzjati proposti.

h. Biex tikkwalifika għal-liċenzjar bħala klinika medika, dawn li ġejjin huma meħtieġa:

- Il-persunal professjonali tal-kura tas-saħħa kollu għandu jkollu kompetenzi dokumentati u għandu jiġi rreġistrat mal-Kunsill rispettiv kif stabbilit mill-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kap. 464);

- Tabib mediku għandu jkun preżenti fil-bini matul iż-żmien kollu li l-pazjent iqatta' fil-klinika medika għall-operazzjonijiet fil-lista ta' operazzjonijiet kif deskritt fil-Parti II ta' S. L. 458.23.

- Għandu jkun hemm tal-inqas infermier reġistrat wieħed fuq xogħol f' kull qasam jew taqsima speċjali f' kull ħin li l-pazjenti jkunu qed jirċievu servizz f' tali sala jew taqsima speċjali skont S.L. 458.23 Liċenzjar ta' kliniki mediċi privati (l-Artikolu 92.a)

**i.** Klinika medika li jkollha l-ħsieb li tagħlaq volontarjament u li twaqqaf il-konsenja ta' servizzi għandha tinnotifika lill-Sovrintendenza tas-saħħa pubblika bil-miktub minimu ta' sitt xhur bil-quddiem. Għandu jiġi żviluppat pjan għall-għeluq li jipprovdi għat-trasferiment b' mod ordinat ta' pazjenti u rekords kliniċi fi klinika medika oħra. Dan il-pjan għandu jiġi ppreżentat ukoll lis-Supretendent tas-saħħa pubblika minimu ta' sitt xhur qabel l-għeluq jew il-waqfien tat-twassil tas-servizz.

**j.** Il-klinika medika għandha tinnotifika lil kull pazjent, lill-klijent, lit-tobba tagħhom, u lil kull garanti ta' ħlas, mill-inqas sitt xhur qabel iċ-ċediment volontarju tal-liċenzja.

**k.** Jekk il-klinika medika jew parti minnha tieaf topera, id-detentur tal-liċenzja għandu jinforma lid-Direttorat. Id-dokumenti kollha li jappartjenu lill-pazjenti jew lill-klijenti (rekords mediċi, riżultati, eċċ.) għandhom jingħataw lilhom jew lill-qraba tagħhom f' konformità mar-regolamenti dwar il-protezzjoni tad-data.

**l.** Il-liċenzja, sakemm ma tiġix sospiża jew revokata, għandha tiġġedded kull sena fl-aħħar tas-sena kurrenti. Il-klinika medika se tirċievi talba għat-tariffa ta' tiġdid 30 jum qabel l-iskadenza tal-liċenzja. Liċenzja ta' tiġdid m' għandhiex tinħareġ sakemm id-Direttorat ma jirċievi l-ebda ħlas tal-liċenzja.

**m.** Il-liċenzja ma tistax tiġġedded, jekk l-istandards tal-liċenzjar attwali, ir-regoli lokali, ir-regolamenti u/jew ir-rekwiżiti ma jintlaħqux.

**n.** In-nuqqas ta' tiġdid tal-liċenzja għandu jikkostitwixxi t-tħaddim ta' faċilità tal-kura tas-saħħa mingħajr liċenzja u jista' jirriżulta fil-ħruġ mill-HCSD fi ħdan is-Sovrintendenza tas-saħħa pubblika ta' ordni ta' waqfien, skont l-Ordinanza dwar il-Professjonijiet Mediċi u L-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kap. 31)

DIRETTORAT GĦALL-ISTANDARDS FIL-KURA TAS-SAĦĦA
SOVRINTENDENZA TAS-SAĦĦA PUBBLIKA

Sptar San Luqa OPD Livell 1
Pjazza San Luqa
Gwardamangia PTA 1010
+356 25953343 | +356 25953330
healthstandards.sph@gov.mt